MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 122/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raffaella Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raffaella Darmanin talli bejn it-2 u t-3 ta' Dicembru 2004, bejn l-4.30 a.m. u l- 5.00 a.m., volontarjament kisret il-mistrieh pubbliku bi hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Raffaella Darmanin hatja ta' l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannatha ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija Raffaella Darmanin pprezentat fil-11 ta’ April 2005 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija w piena jew, alternattivament, jekk din il-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm piena, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena iktar ekwa ghall-kaz odjern imma zgur mhux detenzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Fil-fatt l-appellanti ssostni li hadd mix-xhieda ma ndika d-data ta' l-allegat incident, Catherine Debarro hawdet l-informazzjoni, u hadd ma seta' jghid x'tip ta' ghajjat kien hemm.

Din il-Qorti semghet ix-xiehda ta' Catherine Debarro u ta' l-appellanti u minn dak li semghet hi soddisfatta li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti fil-fatt tirrizulta. L-appellanti ppruvat tiggustifika ruhha billi tilmenta li l-gara taghha Catherine Debarro kienet tibda tuza magna tal-hjata fil-hamsa ta' filghodu u li ghalkemm kienet tghidilha, Debarro ma tatx widen u baqghet tuzaha. Catherine Debarro dan tinnegah. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk stess l-ilment ta' l-appellanti huwa minnu, dan ma jiggustifikax li hija taghmel l-istorbju li rreferiet ghalih Catherine Debarro fix-xiehda taghha u dak li ammettiet l-appellanti fix-xiehda taghha - *"Biex insikkitha jien, b'idejja"*. Hemm mezzi legali li setghet tirrikorri ghalihom bhalma, del resto, irrikorriet ghalihom l-istess Debarro.

Skond Catherine Debarro, minn mindu nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti l-appellanti ma baqghetx taghmel storbju u jidher li l-pozizzjoni sallum ghadha l-istess. Ghalhekk l-iskop ta' dawn il-proceduri ntlahaq u din

il-Qorti verament tittama li r-relazzjonijiet bejn l-appellanti u l-girien taghha ma jergghux jiddeterjoraw, jaghrfu jkunu tolleranti aktar ta' xulxin u li jistghu jaslu ghas-soluzzjoni ta' xi lmenti li jkollhom b'mod amikevoli.

F'tali sitwazzjoni din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tikkonferma l-piena ta' detenzjoni li ghaliha giet ikkundannata l-appellanti u minflok ser tghaddi biex tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja skond l-imputazzjoni dedotta, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ghal gimgha detenzjoni u, minflok, a tenur ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, torbot lill-appellanti li ma timmolesta b'ebda mod lill-familja Debarro ta' Papillon, Triq il-Bahrija, Zabbar, u dan b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' hamsin liri Maltin (Lm50) fin-nuqqas u ghal perijodu ta' tnax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------